MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 121/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Giulio Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Giulio Farrugia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 404762M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Novembru 2010 u fix-xhur ta' qabel opera jew ippermetta l-operat tal-ħanut Reborn Snack Bar li jinsab fi 132, Triq is-Salib, Marsa (numru tal-Liċenzja P/B/68/82) bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-liċenzja kif maħruġa mill-Awtorita` peress li offra jew ippermetta li jiġi offrut ikel bi ħlas li ma kienx inkluż fil-licenzja. Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija Giulio Farrugia jigi kkundannat iħallas multa u jottempera ruħu mal-liċenzja ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43(1) u (2) tal-Kap 409 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Marzu 2013 fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Giulio Farrugia ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu mill-istess imputazzjoni;

**3.** Rat in-nota tal-*parte civile*, l-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta, ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2013 fejn talab li l-prosekuzzjoni tipprevalixxi ruħha mill-fakolta` mogħtija lilha mil-liġi, senjatament l-artikoli 413 u 414(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi tinterponi appell mis-sentenza msemmija sabiex tannulla u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi u ssib lill-istess Giulio Farrugia hati ghar-reati kommessi mill-istess;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Permezz ta' nota ppreżentata mill-*parte civile*, l-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex il-prosekuzzjoni tipprevalixxi ruħha mill-fakolta` mogħtija mil-liġi sabiex tinterponi appell. Saret referenza għall-artikoli 413 u 414(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa, l-artikolu 414(1) tal-Kap. 9 jipprovdi:

> **"Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza, tibgħat lill-Avukat Ġenerali, bil-mezz tar-reġistratur, fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża u max-xiehda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub."**

**6.** Evidentement l-*parte civile* ppreżentat tali nota a tenur ta' l-imsemmi artikolu 414(1) sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali. In-nota ġiet ippreżentata entro l-erbat ijiem tax-xogħol, iżda mill-atti ma jirriżultax illi l-atti ntbagħtu lill-Avukat Ġenerali mill-Qorti tal-Maġistrati.

**7.** Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Deguara** deċiż fl-20 ta' April 2004 fejn kienet saret nota mill-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta' l-artikolu 414(1) fit-terminu preskritt ta' erbat ijiem tax-xogħol iżda l-atti waslu għand l-Avukat Ġenerali xahrejn wara li kienet ingħatat is-sentenza, intqal:

> **"Difatti din il-kwistjoni diga` giet sollevata u deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta diversi drabi. L-ewwel darba li jidher li giet investigata din il-kwistjoni kien fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Charles sive Carmelo Spiteri* deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Marzu 1983. Fuq l-iskorta ta' dik is-sentenza, din il-Qorti tara li ma hemm ebda nullita` f'dan il-kaz. F'dik is-sentenza gie ritenut li, purche` li l-Pulizija jipprezentaw in-nota fiz-zmien moghti lilhom u purche` li l-Avukat Generali**

> **jipprezenta r-rikors fi zmien tmint ijiem utili (tnax-il jum utili fil-kaz ta' appelli minn Ghawdex) minn dak inhar li hu jircievi l-atti, l-istess Avukat Generali m'ghandux jigi penalizzat minhabba li r-Registratur, li ma huwiex parti fil-kawza, ma jkunx osserva t-termini imposti fuqu bil-ligi.[1]"**

**8.** Fil-kaz in ezami, l-Avukat Ġenerali lanqas l-opportunita` li jippreżenta rikors ta' appell ma kellu peress illi l-atti ma waslu qatt għandu. Għalhekk, bħal fil-każijiet imsemmija, l-Avukat Ġenerali m'għandux jiġi penaliżżat minħabba li ma ġiex osservat dak preskritt fl-artikolu 414(1). Konsegwentement din il-Qorti sejra tagħti lill-Avukat Ġenerali l-opportunita` li jippreżenta rikors ta' appell skond il-liġi.

**9.** Għal dawn il-motivi tipprovdi billi tordna li l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol sabiex huwa jippreżenta rikors ta' appell fit-terminu preskritt mill-artikolu 417(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara wkoll fl-istess sens: App. Krim. **Il-Pulizija vs Robert Pace**, 15 ta' Dicembru 1999; App. Krim. **Il-Pulizija vs Mario Camilleri**, 27 ta' Ottubru 2000; App. Krim. **Il-Pulizija vs Natasha Mohnani**, 6 ta' Gunju 2002.